MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-26 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 4/2021 LM

**Valentina A. Sammut**
*('l-appellata')*

***vs.***

**Bord tal-*Accountancy* u b'digriet tal-4 ta' Marzu, 2021 ġie mibdul għal Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-*Accountancy***
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-*Accountancy*** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-10 ta' Lulju, 2023 [hawmhekk 'is-sentenza appellata'], fi proċeduri istitwiti kontra l-Bord tal-

*Accountancy* mill-intimata **Valentina A. Sammut (K.I. nru. 494412L)** [hawnhekk 'l-appellanta'], fejn it-Tribunal iddeċieda illi:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni stante li din ġiet sorvolata fil-mori, qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti ta' Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-Accountancy.*
>
> *Bl-ispejjeż kontra Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu hawn fuq premessa."*

**Fatti**

2. Permezz tar-rikors ippreżentat minnha quddiem it-Tribunal fit-22 ta' Jannar, 2021, ir-rikorrenti spjegat li permezz ta' applikazzjoni datata l-20 ta' Novembru, 2019, hija talbet lill-Bord tal-*Accountancy* joħroġ favur tagħha *warrant* biex hija tkun tista' taġixxi u tipprattika l-professjoni tagħha bħala *accountant* f'Malta. Qalet li mal-imsemmija applikazzjoni, hija annettiet kopja tad-dokumentazzjoni kollha meħtieġa u neċessarja, flimkien ma' *covering letter* sabiex it-talba tagħha tkun tista' tiġi pproċessata u deċiża. Qalet li fl-4 ta' Jannar, 2020, il-Bord infurmaha li l-*warrant* ma setax jinħareġ għaliex *"[y]our request for the award for a temporary CPA warrant is considered by the Board as not being sufficiently justified."* Ir-rikorrenti qalet li fl-4 ta' Jannar, 2020, il-Bord kien infurmaha illi hija kellha dritt tappella minn din id-deċiżjoni *ai termini* tal-artikolu 4(A)(9) tal-*Accountancy Profession Regulations (S.L. 281.01),* u dan permezz tal-artikolu 15B tal-*Accountancy Professions Act* (Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta) fit-terminu ta' għoxrin jum min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord. Qalet li wara korrispondenza sabiex tiġi nnotifikata bid-deċiżjoni tal-Bord, hija ġiet innotifikata bid-deċiżjoni tal-Bord fis-6 ta' Jannar, 2021. Ir-rikorrenti kompliet

tispjega li minkejja li d-deċiżjoni tal-Bord hija datata l-4 ta' Jannar, 2020, mill-korrispondenza bl-email, jidher li sal-14 t'Awwissu, 2020, il-Bord ma kien għadu ħa l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tagħha. Qalet li hija ħassitha aggravata b'din id-deċiżjoni, u għalhekk interponiet appell minnnha quddiem it-Tribunal. Ir-rikorrenti qalet li hija għandha ċertifikati akkademiċi maħruġa minn *The All Russian Distance Institute of Finance and Economics* (Financial University under the Government of the Russian Federation) fl-Ekonomija, bl-ispeċjalizzazzjoni fl-*accounting* u fl-awditjar. Ir-rikorrenti spjegat li din id-diploma ġiet rikonoxxuta min-National Commission for Further and Higher Education Malta bħala *MQF Level 7*. Ir-rikorrenti qalet li hija għandha wkoll diploma mill-Odessa State University ġewwa l-Ukraina bħala *'chemist'*, u din id-diploma wkoll ġiet rikonoxxuta min-National Commission for Further and Higher Education Malta bħala *MQF Level 7*. Qalet li hija għandha wkoll '*Certificate of Award in Advanced Tax and VAT Matters'* mogħti mil-LEAD Training Services, li wkoll ġiet rikonoxxuta min-National Commission for Further and Higher Education Malta bħala *MQF Level 6*. Ir-rikorrenti qalet li hija tissodisfa r-rekwiżiti rikjesti fil-liġi sabiex tingħata *warrant* sabiex tipprattika bħala *accountant* hawn Malta, ossia r-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 3(2) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti spjegat li minkejja li hija ċittadina Russa, l-intimat il-Bord tal-*Accountancy* għandu, skont l-artikolu 3(3) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta, il-jedd,

> "joħroġ, lil xi persuna li tkun kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala *accountant* f'xi pajjiż terz, *warrant* biex taġixxi bħala *accountant* f'Malta għal dak il-perijodu limitat jew għal dawk il-perijodi limitati jew għal dak l-għan speċifiku jew għal dawk l-għanijiet speċifiċi, jew kemm għal dak il-perijodu kif ukoll għal dak l-għan, u suġġett għal kull kondizzjoni oħra li tista' tiġi speċifikata fil-*warrant."*

3. Ir-rikorrenti spjegat li hija ilha tgħix f'Malta mis-sena 2006, u okkupat diversi karigi għoljin fil-qasam tal-*accountancy.* Qalet li ċ-ċertifikati tagħha, minkejja li ngħataw minn istituzzjonijiet barra mill-Unjoni Ewropea, xorta waħda ġew rikonoxxuti f'Malta min-National Commission for Further and Higher Education Malta. Qalet li l-Bord qabel ma wasal għad-deċiżjoni tiegħu, ma talab l-ebda forma ta' kjarifika min-naħa tagħha, u anki wara li damet diversi xhur tistaqsi għad-deċiżjoni tal-Bord, il-Bord bagħatilha d-deċiżjoni tiegħu tas-6 ta' Jannar, 2021, diversi xhur wara li l-istess Bord ħa d-deċiżjoni tiegħu. Ir-rikorrenti qalet li hija fl-ebda stadju ma ġiet mgħajjta sabiex tiltaqa' mal-Bord, u qatt ma ngħatat l-opportunità tispjega ruħha għalfejn kellu jinħareġ dan il-*warrant.* Qalet li l-Bord imkien ma spjega għal liema raġuni t-talba tagħha għal CPA *warrant* temporanja mhijiex ġustifikata b'mod suffiċjenti, u għalhekk m'hemm l-ebda bażi legali għalfejn il-Bord ċaħad it-talbiet tagħha. Ir-rikorrenti qalet li hija qiegħda tiġi ppreġudikata bl-aġir tal-intimat, u talbet li tipprevalixxi ruħha mid-dritt li tressaq appell quddiem it-Tribunal *ai termini* tal-artikolu 15B tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-4 ta' Jannar, 2020, li rrifjuta l-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' *warrant* temporanja f'isimha, u minflok jilqa' t-talbiet tagħha u jilqa' l-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' *warrant* ta' *accountant* bl-ispejjeż kontra l-Bord intimat.

4. Martin Spiteri, fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord, wieġeb li l-Bord mhuwiex persuna ġuridika, u għalhekk l-okkju għandu jiġi kkorreġut *ai termini* tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Żied jgħid li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħha, stante li hija ma

tissodisfax ir-rekwiżiti rikjesti mil-liġi sabiex tikkwalifika għall-*warrant* ta' *accountant.* Qal li meta ġie biex jiddeċiedi dwar il-*warrant* li applikat għalija r-rikorrenti, il-Bord aġixxa skont il-liġi fl-eżerċizzju tal-funzjoni tiegħu li jirregola l-professjoni tal-*accountancy* fl-interess pubbliku. Qal ukoll li kieku kellha tiġi milqugħa l-applikazzjoni tar-rikorrenti, jinħoloq preċedent ferm perikoluż li jiftaħ it-triq għal persuni mhux kwalifikati biex japplikaw mal-Bord sabiex jingħataw *warrant* ta' *accountant,* u dan żgur li mhux fl-interess tal-professjoni u tal-pubbliku. L-intimat spjega li r-rikorrenti kienet applikat għal *warrant* ta' *accountant* fl-20 ta' Diċembru, 2014, liema applikazzjoni ġiet rifjutata mill-Bord *"since the qualification you hold namely a Diploma of higher professional education (two year programme issued by the All Russian Distance Institute of Finance and Economics) is not deemed to meet the requirements stipulated in article 3(2) of the said Act."* L-intimat qal li wara talba għal rikonsiderazzjoni mill-konsulent legali tar-rikorrenti fit-12 ta' Jannar, 2017, stante l-produzzjoni ta' ċertifikat mill-*Institute of Professional Accountants and Auditors of Russia,* f'Marzu tal-2017, il-Bord informa lir-rikorrenti li wara li ġew evalwati ċ-ċertifikati kollha prodotti minnha, ġie deċiż li hija mhijiex eliġibbli għall-għoti tal-*warrant* mitluba minnha. L-intimat spjega li dawn id-deċiżjonijiet ifissru li l-Bord, wara li għamel l-evalwazzjonijiet neċessarji, qies li l-kwalifiki li għandha r-rikorrenti mhumiex ekwivalenti għall-grad professjonali fl-*accountancy* mogħti mill-Università ta' Malta jew livell ekwivalenti. Qal ukoll li minkejja li kienet debitament infurmata, ir-rikorrenti għażlet li ma tappellax mid-deċiżjoni tal-Bord. Minflok, sentejn u nofs wara r-rikorrenti tefgħet applikazzjoni ġdida fejn talbet lill-Bord jikkunsidra l-applikazzjoni tagħha taħt l-artikolu 3(3) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li *warrant* tista' tinħareġ lil *"persuna li tkun*

*kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala accountant f'pajjiż terz"*, u dan sabiex *"taġixxi bħala accountant f'Malta għal dak il-perijodu limitat jew għal dawk il-perijodi limitati jew għal dak l-għan speċifiku jew għal dawk l-għanijiet speċifiċi, jew kemm għal dak il-perijodu kif ukoll għal dak il-għan, u suġġett għal kull kundizzjoni oħra li tista' tiġi speċifikata fil-warrant."* L-intimat qal li minkejja li l-Bord kien diġà evalwa l-kwalifiki tar-rikorrenti u qies li mhumiex ekwivalenti għal dawk Maltin, fl-14 t'Awwissu, 2020, il-Bord talab lir-rikorrenti tiġġustifika t-talba tagħha u tindika d-durata tal-*warrant* temporanju mitlub minnha. Qal li r-rikorrenti wieġbet b'ittra tas-17 t'Awwissu, 2020, fejn indikat li hija għandha l-età ta' 65 sena, u li l-*warrant* jista' jgħinha issib l-impjieg li tixtieq. Qalet ukoll li hija tixtieq li tingħata l-*warrant* għal perijodu ta' ħames snin, sakemm tilħaq l-età ta' 70 sena. L-intimat spjega li tliet ġimgħat wara, ir-rikorrenti bagħtet *email* lis-Segretarju tal-Bord fejn qalet, "*I sent you request to issue an accountancy warrant for a period of 5 years but it will be much appreciated if it will be issued for any period of time."* L-intimat qal li wara l-evalwazzjoni tiegħu, il-Bord b'deċiżjoni tal-4 ta' Jannar, 2021, informa lir-rikorrenti li l-ġustifikazzjonijiet mogħtija minnha fl-ittra tagħha tas-17 t'Awwissu, 2020, ma kinux suffiċjenti biex tinħarġilha *warrant* ta' *accountant.*

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

5. Permezz tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal fl-10 ta' Lulju, 2023, it-Tribunal astjena milli jieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni wara li qies li din ġiet sorvolata fil-mori, laqa' l-appell tar-rikorrenti u ċaħad l-eċċezzjonijiet rimanenti ta' Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in

rappreżentanza tal-Bord tal-*Accountancy,* u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Board tal-*Accountancy (*aktar 'l isfel "il-Bord") datata 4 ta' Jannar, 2020 li permezz tgħha ġiet mgħarrfa illi l-applikazzjoni tagħha għal* warrant *temporanju ta'* Certified Public Accountant *kienet qiegħda tiġi rifjutata stante li ma kinitx suffiċjentement ġustifikata. (fn. 2 Dokument VS3 a fol. 17)*

*Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti applikat mal-Bord sabiex jingħatalha* warrant *ta'* accountant *taħt Artikolu 3(3) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy *iktar 'il quddiem "l-Att").*

*Illi l-ħruġ ta' warrant ta' accountant huwa regolat b'artikolu 3 tal-Att li jgħid is-segwenti:-*

3(1) Ħlief meta jiġi preskritt xort'oħra f'regolamenti magħmulin mill-Ministru taħt dan l-Att, ħadd ma jista' jeżerċita l-professjoni ta' accountant kemm-il darba ma jkollux warrant.

(2) Persuna ma tikkwalifikax għal warrant taħt l-artikolu 4, ħlief jekk –
(a) tkun ta' reputazzjoni tajba;
(b) tkun tista' taġixxi għal kollox skont il-liġi;
(ċ) hija tkun:

(i) temmet b'suċċess il-kors li jwassal għall-għoti tal-grad professjonali fl-Accountancy organizzat mill-Università ta' Malta; jew
(ii) kisbet dħul fl-Università jew livell ekwivalenti, imbagħad tkun temmet kors ta' istruzzjoni teoretika rikonoxxut mill-Bord:

Iżda f'kull każ, il-korsijiet imsemmija f'dan is-subartikolu għandhom ikopru dawk is-suġġetti f'dawk il-livelli li jistgħu jiġu preskritti f'regolamenti magħmulin mill-Ministru taħt dan l-Att:

(d) kemm-il darba ma tkunx koperta bil-korsijiet imsemmija fil-paragrafu (ċ), tkun għaddiet minn eżami, li parti minnu jew kollu kemm hu għandu jkun bil-miktub, ta' kompetenza professjonali li jkollu livell ta' eżami finali jew ekwivalenti bħal dak ta' Università, li jkun rikonoxxut jew li jsir mill-Bord għal dak l-għan:

Iżda l-Bord għandu jiżgura li fil-każ ta' applikazzjoni għal ċertifikat ta' prattika fis-settur tal-awditjar, l-eżami ta' kompetenza professjonali msemmi f'dan is-subartikolu jkun ikopri adegwatament il-livell neċessarju ta' konoxxenza teoretika tas-suġġetti

rilevanti preskritti f'regolamenti magħmulin mill-Ministru taħt dan l-Att għall-awditjar kif ukoll il-kapaċità li dik il-konoxxenza tiġi applikata fil-prattika:

Iżda wkoll meta persuna tkun temmet kors ta' istruzzjoni teoretika u għaddiet minn eżami ta' kompetenza professjonali ta' livell ta' eżami finali jew ekwivalenti bħal dak ta' Università dwar il-professjoni tal-Accountancy u li jkun rikonoxxut mill-Bord iżda li ma kienx ikopri lil kull wieħed mis-suġġetti preskritti f'regolamenti magħmulin mill-Ministru taħt dan l-Att, il-Bord jista' jaċċetta dik il-kwalifika wara li dik il-persuna tkun għaddiet minn dak l-eżami jew dawk l-eżamijiet fil-liġijiet lokali u f'dawk is-suġġetti l-oħra skont ma l-Bord jista' jistabbilixxi skont iċ-ċirkostanzi partikolari; u
(e) tkun tissodisfa lill-Bord li jkollha esperjenza adegwata fil-prattika tal-Accountancy għal perijodu aggregat ta' tliet snin, li minnhom l-ekwivalenti ta' mill-inqas sena esperjenza għandha tinkiseb wara li l-persuna tkun kisbet il-kwalifiki akkademiċi msemmija fil-paragrafu (ċ).

**(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Bord jista' joħroġ, lil xi persuna li tkun kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala accountant f'xi pajjiż terz, warrant biex taġixxi bħala accountant f'Malta għal dak il-perijodu limitat jew għal dawk il-perijodi limitati jew għal dak l-għan speċifiku jew għal dawk l-għanijiet speċifiċi, jew kemm għal dak il-perijodu, kif ukoll għal dak l-għan, u suġġett għal kull kundizzjoni oħra li tista' tiġi speċifikata fil-warrant."**

***Ir-rikorrenti** stqarret illi hija ilha taħdem fis-settur tal-*Accountancy *għal dawn l-aħħar tmienja u għoxrin sena u fl-2000 hija ottjeniet* warrant *ta'* accountant *mir-Russja. Fir-rikors promutur tagħha hija ċċitat li għandha s-segwenti kwalifiki, u ċioe:-*

a) **Diploma from The All Russian Distance Institute of Finance and Economics (Financial University under The Government of the Russian Federation) in Economy with a specialization in Accounting and Auditing (DOK. VS5) in fact this Diploma was recognised by the National Commission for Further and Higher Education Malta as in MQF Level 7 (A Master's Degree/Post Graduate Diploma);**
b) **Diploma from the Odessa State University in Ukraine as Chemist, which Diploma was recognised by the National Commission for Further and Higher Education Malta at MQF Level 7 (Master's Degree/Postgraduate Diploma);**
c) **Certificate of Award in Advanced Tax and VAT matters issued by LEAD Training Services. This Diploma has been recognised by the National Commission for Further and Higher Education Malta as at MQF Level 6.** *(fn. 3 Lista mniżżla fir-rikors tal-appell a fol. 2)*

*Hija spjegat li wara li ġiet mistoqsija mill-Bord għal kemm perijodu kienet qiegħda titlob il-*warrant, *hija infurmathom li ħames snin kienu biżżejjed. Kien għalhekk li*

*kienet ħasbet li l-Bord ma rriskontra l-ebda problema bl-applikazzjoni tagħha. Madanakollu sussegwentement ġiet infurmata li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata.*

*Ir-rikorrenti ressqet bħala prova tliet affidavits, u ċioe', ta' Nutar, ta'* accountant *u ta' direttur ta' kumpannija privata li kienet taħdem magħha, li kollha jagħmlu referenza għall-kondotta tajba tagħha. Di più Regina Egle Liotta, direttriċi tal-kumpannija privata li kienet taħdem magħha r-rikorrenti elenkat numru ta' doveri li r-rikorrenti kienet twettaq u li huma relatati ma' xogħol ta'* Accountancy.

*Min-naħa l-oħra, il-**Professur Peter J. Baldacchino**, iċ-*Chairperson *tal-Bord u Kap tad-Dipartiment tal-*Accountancy *fi ħdan il-Fakultà tal-Ekonomija, il-*Management u l-Accountancy, *spjega li r-rikorrenti kienet diġà applikat għall-*warrant *fl-2014, liema applikazzjoni ġiet miċħuda peress li l-kwalifika ta' Diploma of Higher Professional Education maħruġa mill-All Russian Distance Institute of Finance and Economics ġewwa r-Russa ma kinitx ikkunsidrata li tilħaq il-kriterji stipulati f'Artikolu 3(2) tal-Att. Fl-2017, wara li ssottomettiet Ċertifikat mill-*Institute of Professional Accountants and Auditors of Russia, *hija talbet għal rikonsiderazzjoni tal-applikazzjoni tagħha. Il-Bord kien ikkonferma l-ewwel deċiżjoni tiegħu ta' rifjut.*

*Spjega li meta l-Bord qies il-kwalifiki kollha tar-rikorrenti, kien tal-fehma illi dawn ma kinux ekwivalenti għal* degree *fil-professjoni tal-*Accountancy *kif organizzata mill-Università ta' Malta jew kwalifika ekwivalenti għaliha. Jispjega inoltre illi l-kwalifika tal-*Association of Chartered Certified Accountants (ACCA), *liema kwalifika hija rikonoxxuta bħala ekwivalenti għal* degree *tal-Università ta' Malta fl-*Accountancy, *għandha* calculator *li jagħtik ekwivalenza wara li wieħed idaħħal l-istituzzjoni, il-kors u s-sena akkademika. Jgħid li meta sar dan l-eżerċizzju ġie nnutat li l-kors organizzat mill-All Russian Distance Institute of Finance and Economics ma nstabx. Dan jindika li dan il-kors mhux rikonoxxut mill-ACCA. Di più jispjega li d-Diploma ottenuta mir-rikorrenti kienet fuq perijodu ta' sentejn mentri l-kors li toffri l-Università ta' Malta huwa ta' ħames snin.*

*Spjega li għalkemm il-Bord kien diġà tal-opinjoni li r-rikorrenti ma kinitx tissodisfa l-kriterji elenkati fil-liġi, fl-14 t'Awwissu, 2020 il-Bord talabha "*to kindly justify your request and indicate the duration of the temporary period being requested." *Ir-rikorrenti rrispondiet fis-17 t'Awwissu, 2020 fejn stqarret illi, "*I would like to increase my chances to find suitable business opportunities due to the pandemic. It is quite difficult due to the age restrictions as I am already 65 years old. The Warrant will help me to find a job of my dream. I hereby ask to issue a warrant for 5 years, until I reach the age of 70 years old." (*fn. 4 Dokument AB4 a fol. 46) Sussegwentement ir-rikorrenti kienet bagħtet email lill-Bord li kienet tapprezza jekk il-*warrant *jingħata għal kwalunkwe perijodu ta' żmien. (fn. 5 Dokument AB5 a fol. 47)*

***Martin Spiteri**, Segretarju tal-Bord tal-*Accountancy, *ippreżenta affidavit fl-1 ta' Settembru, 2021 fejn spjega illi r-rikorrenti kienet diġà applikat għal* warrant *f'Diċembru 2014 liema applikazzjoni ġiet rifjutata għar-raġuni li l-kwalifika li kellha ma kinitx tilħaq ir-rekwiżiti stipulati f'artikolu 3(2) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Bord intalab jikkonsidra din id-deċiżjoni fl-2017 fejn informa lir-rikorrenti li l-kwalifiki li kellha ma jilħqux ir-rekwiżiti msemmija f'artikolu 3(2)(ċ) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta u dana peress li l-Bord kien tal-fehma illi l-kwalifiki li kellha r-rikorrenti ma kinux jammontaw għal* degree *fl-*Accountancy *offruta mill-Università ta' Malta jew ta' livell ekwivalenti. Spjega li l-Bord iqis li l-kwalifika tal-ACCA hija ta' livell ekwivalenti għad-*degree *fl-*Accountancy *offruta mill-Università ta' Malta. Għalhekk il-Bord, meta jkollu kwalifika li ma tkunx tal-Università ta' Malta, juża l-ACCA* calculator*. Madanakollu meta sar dan l-eżerċizzju, irriżulta li l-kors segwit mir-rikorrenti mal-All Russian Institute of Finance and Economics ma nstabx fuq l-istess* calculator*. Iktar minn hekk stqarr illi l-kors segwit mir-rikorrenti kien ta' sentejn filwaqt li l-kors offrut mill-Università ta' Malta huwa ta' ħames snin. Ix-xhud kompla jispjega illi r-rikorrenti reġgħet ressqet applikazzjoni sabiex tingħata* warrant *temporanju fl-2019. Il-Bord talabha tiġġustifika t-talba tagħha u informazzjoni dwar il-perijodu li għalih kienet qed titlob l-istess* warrant *u hi wieġbet li kienet qed titolbu għal ħames (5) snin sakemm tagħlaq 70 sena. Il-Bord qies li din ma kinitx ġustifikazzoni valida fiċ-ċirkostanzi. Madanakollu tliet (3) ġimgħat wara, ir-rikorrenti infurmat lill-Bord li kienet tapprezza jekk il-*warrant *jinħareġ għal kwalunkwe perijodu ta' żmien. Wara li l-Bord għamel evalwazzjoni ta' din l-aħħar applikazzjoni, kien tal-fehma illi l-ġustifikazzjoni mogħtija mir-rikorrenti ma kinitx biżżejjed biex jinħareġ* warrant *ta'* accountant.

*Martin Spiteri xehed ulterjorment fis-seduta tas-16 ta' Frar, 2023 fejn spjega l-perkors ta' persuna li ssegwi* degree *ta'* Accountancy *mill-Università ta' Malta, u ċioe li apparti tliet snin f'*undergraduate degree, *trid issegwi wkoll* degree *ta'* Masters *u jkollha tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol fil-qasam tal-*Accountancy. *Spjega li l-Bord jeżamina wkoll is-suġġetti li jkunu ġew koperti fl-istudji tal-applikanti sabiex jiżgura ruħhu li dawn huma relatati mal-Accountancy.*

*Spjega li fejn si tratta ta'* temporary warrant, *dan irid jintalab għal raġuni speċifika. Fil-każ preżenti, il-Bord ma qiesx ir-raġuni tar-rikorrenti, u ċioe li riedet tipprattika ta'* accountant *sakemm tilħaq l-età ta' 70 sena bħala raġuni valida għala għandu joħroġ* warrant *temporanju. Fuq nota oħra spjega li l-applikanti li jkunu segwew kors tal-ACCA ikunu jridu jagħmlu wkoll is-suġġetti ta'* company and business law *u* Maltese taxation *sabiex ikunu eliġibbli għall-għoti tal-*warrant.

*In kontro-eżami x-xhud stqarr illi l-Università li minnha r-rikorrenti otteniet il-kwalifiki tagħha tirriżulta fuq l-ACCA* calculator*, madanakollu l-kors partikolari li għamlet ir-rikorrenti ma jirriżultax.*

***Ikkunsidra:***

*Illi r-rikorrenti intavolat dawn il-proċeduri sabiex dan it-Tribunal jagħmel reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda mill-Bord li jiċħad l-applikazzjoni tagħha għall-għoti ta'* warrant *temporanju ta'* accountant.

*Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 19 ta' Ottubru, 2022, dik il-Qorti esprimiet ruħha hekk:* "Għalhekk il-Qorti tgħid li għalkemm l-appellata ma kinitx konsistenti fil-premessi tar-rikors tagħha quddiem it-Tribunal, joħroġ ċar xorta waħda li t-talba tagħha kienet imsejsa fuq is-subartikolu 3(3) tal-Kap. 281 u t-talba tagħha kienet saħansitra għall-ħruġ ta' warrant temporanja kif ikkontemplata minn dan is-subartikolu. Għalhekk kif sewwa jirrileva l-Bord appellant, id-deċiżjoni tat-Tribunal tistrieħ fuq konsiderazzjoni legali differenti minn dawk li l-appellata ppreżentat fir-rikors tagħha quddiemu. Tikkunsidra li effettivament dak li kien mitlub u tenut jagħmel it-Tribunal, kien li jinvestiga d-deċiżjoni appellata tal-Bord appellant ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 490."

*Illi għaldaqstant dan it-Tribunal se jeżamina l-appell intavolat minnha fil-qafas ta' dak li jipprovdi l-artikolu 3(3) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' l-għoti ta'* warrant *temporanju.*

*Illi skont ma xehed il-Professur Peter J. Baldacchino, ir-rikorrenti ma kinitx tissodisfa l-kriterji li wieħed irid ikollu biex jingħata l-*warrant *ta'* accountant *ai termini tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi jirriżulta li l-kriterju li ma ġiex sodisfatt kien it-tip ta' materjal li kien kopert fil-korsijiet illi hija għamlet barra minn Malta. Ġie spjegat illi l-Bord għandu sistema li permezz tagħha jekwipara d-diversi korsijiet offruti minn istituzzjonijiet barranin u dan permezz ta' sistema adottata mill-*Association of Chartered Certified Accountants (ACCA).

*Illi għalhekk it-Tribunal għandu quddiemu żewġ verżjonijiet opposti fejn min-naħa waħda r-rikorrenti qiegħda tisħaq illi hija tissodisfa b'dak rikjest fil-liġi biex tingħata* warrant *temporanju, filwaqt li l-Bord min-naħa l-oħra jisħaq illi r-rikorrenti ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi biex tingħata tali* warrant.

*Illi t-Tribunal josserva li din ma kinitx l-ewwel talba li għamlet ir-rikorrenti sabiex tingħata* warrant. *Di fatti, fl-20 ta' Diċembru, 2014 il-Bord intimat kien irrifjuta applikazzjoni tar-rikorrenti abbażi tal-fatt li l-kwalifiki li kellha ma kinux ekwivalenti għat-taħriġ stipulat f'artikolu 3(3) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta. (fn. 6 Dokument*

*AB2 a fol. 42) Din id-deċiżjoni ġiet rikonfermata wara rikonsiderazzjoni tal-istess fit-12 ta' Jannar, 2017. (fn. 7 Dokument AB3 a fol. 45). Jirriżulta illi minn dawn id-deċiżjonijiet ma sar ebda appell.*

*Illi għalhekk il-Bord isostni li ladarba r-rikorrenti mhix eliġibbli għal* warrant *ta'* accountant, *lanqas ma hi eliġibbli għal* warrant *temporanju għaliex neċessarjament biex tikseb l-istess* warrant *temporanju xorta waħda trid tilħaq il-kriterji stabbiliti mil-liġi għal* warrant *regolari. Madanakollu r-raġuni mogħtija fid-deċiżjoni tal-4 ta' Jannar, 2020 taqra hekk:*

Your request for the award for a temporary CPA warrant is considered by the Board as not sufficiently justified. *(fn. 8 Skont dak rilevat fir-risposta tal-Bord intimat is-sena 2020 hija żball tat-*typing*, bis-sena għandha tkun 2021).*

*Martin Spiteri, Segretarju tal-Bord intimat, spjega li meta persuna tapplika għal warrant temporanju dan jingħata għal raġuni speċifika. Mill-atti fil-fatt jirriżulta illi qabel wasal għad-deċiżjoni tiegħu l-Bord talab informazzjoni ulterjuri mingħand l-applikanta fis-sens li talabha tiġġustifika t-talba tagħha u tindika l-perijodu ta' żmien li dwaru riedet il-*warrant. *Ir-rikorrenti wieġbet l-istess emejl u infurmat lill-Bord li kienet qed titlob il-*warrant *għal ħames snin sabiex iżżid l-opportunitajiet ta' xogħol minħabba l-pandemija u li l-warrant seta' jgħinha ssib ix-xogħol tal-ħolm tagħha.*

*Illi l-Bord kien tal-fehma illi dawn ir-raġunijiet ma kinux jiġġustifikaw il-ħruġ ta' warrant temporanju.*

*Illi wara li t-Tribunal eżamina l-kwalifiki akkademiċi tar-rikorrenti u ħa in konsiderazzjoni x-xhieda tal-Professur Baldacchino u ta' Martin Spiteri, jikkondividi l-fehma tal-Bord illi r-rikorrenti għandha mankanzi fil-preparazzjoni akkademika tagħha li ma jagħmilhiex eliġibbli għall-għoti tal-warrant. Għalkemm huwa minnu li n-National Commission for Further and Higher Education irrikonoxxiet il-kwalifiki tar-rikorrenti f'livell 7, ta' min jinnota li t-*Title of Award *rikonoxxut huwa bħala* Economist. *Illi għalkemm hemm suġġetti komuni li ssegwi ekonomista u* accountant *fil-perkors ta' taħriġ akkademiku, il-perkors edukattiv ta'* accountant *ikun naturalment iffukat fuq suġġetti relatati mal-istess professjoni. Illi dan it-Tribunal ma ġiex provdut mir-rikorrenti bi* transcript *tas-suġġetti li hija għamlet biex kisbet il-kwalifika ta' ekonomista mill-All Russian Distance Institute of Finance and Economics. Però t-Tribunal jifhem illi biex il-Bord wasal għall-konklużjoni li r-rikorrenti ma kinitx tikkwalifika huwa ra l-istess* transcript *u għamel użu mill-ACCA* calculator *biex ikun f'pożizzjoni jevalwa jekk il-kwalifiki tar-rikorrent jekwiparax ma' kors universitarju li jwassal għall-grad ta'* Accountancy *organizzat mill-Università ta' Malta. Illi t-Tribunal iqis li ladarba l-kors offrut mill-ACCA huwa rikonoxxut bħala wieħed ekwivalenti għal*

*dak offrut mill-Università ta' Malta, jagħmel tajjeb il-Bord li juża l-faċilità tal-*calculator *tiegħu. Dan il-metodu jistabbilixxi oġġettività u trasparenza għall-proċess ta' rikonoxximent ta' kwalifiki minn universitajiet u istituzzjonijiet barranin.*

*Illi għaldaqstant it-Tribunal iqis li r-rikorrenti ma ppruvatx a sodisfazzjon tiegħu illi l-kwalifiki akkademiċi tagħha huma tal-istess livell tal-kors offrut mill-Università ta' Malta. Illi dan il-Bord għarrfu lir-rikorrenti għal darba darbtejn sakemm fl-aħħar l-istess rikorrenti talbet għal għoti ta'* warrant *temporanju.*

*Illi però ladarba r-rikorrenti kienet qed titlob għal* warrant *temporanju, dak li kellu jevalwa l-Bord ma kienx jekk ir-rikorrenti kellhiex il-kwalifiki msemmija f'artikolu 3(2)(ċ) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Bord f'dan il-każ ried jara jekk ir-rikorrenti kinitx* "**persuna li tkun kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala accountant f'xi pajjiż terz"**. *Illi mill-provi prodotti ma jirriżultax illi r-rikorrenti esebiet xi warrant ta' Certified Public Accountant mir-Russja, hekk kif mistqarr minnha fl-affidavit tagħha a fol. 67. Kwindi l-Bord, fl-assenza ta' prova illi r-rikorrenti kienet persuna kwalifikata kif imiss bħala* accountant *f'pajjiż terz, ma seta' qatt jipproċedi għall-għoti tal-warrant temporanju.*

*Kwindi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord intimat, għalkemm it-talba għall-*warrant *kienet waħda temporanja, xorta waħda ma setax joħroġ l-istess* warrant. *Illi di più l-Bord ħass illi r-raġuni li ressqet ir-rikorrenti għall-għoti ta'* warrant *temporanju, u ċioe li xtaqet li tingħata l-*warrant *għal ħames snin sakemm tilħaq l-età ta' sebgħin sena, ma kinitx ġustifikata. Illi biex il-Bord joħroġ warrant temporanju iridu jiġu sodisfatti numru ta' kriterji, u ċioe:*

1. **L-applikanta trid tkun kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala accountant f'xi pajjiż terz**,
2. Għal perijodu limitat jew għal dawk il-perijodi limitati jew għal dak l-għan speċifiku jew għal dawk l-għanijiet speċifiċi, jew kemm għal dak il-perijodu kif ukoll għal dak l-għan, u suġġett għal kull kundizzjoni oħra li tista' tiġi speċifikata fil-warrant.

*Illi t-Tribunal jirrileva illi r-rikorrenti ma ġabet ebda prova illi hija kwalifikata biex taġixxi bħala* accountant *f'pajjiż terz. L-uniku dokument relatat ma' pajjiż terz li ġie prodott huwa ċertifikat ta' diploma tal-All Russians Distance Institute of Finance and Economics, liema ċertifikat jaqra li r-rikorrenti "*is qualified as an economist, specialising in accounting and auditing". *Illi fil-fehma tat-Tribunal ma nġabet ebda prova mir-rikorrenti illi dan iċ-ċertifikat b'xi mod jista' jiġi interpretat li huwa xi* warrant *maħruġ minn pajjiż terz biex ir-rikorrenti taġixxi bħala* accountant *fir-Russja. Fil-fatt, l-intestatura ta' dan id-dokument li jinsab esebit a fol. 20 tgħid* **"The Diploma**

**is a state document of higher education"**. *Kwindi dan iċ-ċertifikat huwa attestazzjoni tal-kwalifiki akkademiċi tar-rikorrenti u mhux kwalifika kif trid il-liġi biex taġixxi bħala* accountant. *Kwindi l-Bord seta' waqaf fuq dan in-nuqqas u ċaħad l-applikazzjoni tar-rikorrenti. Madanakollu l-Bord ħass li kellu jinforma ruħhu iktar dwar ir-raġuni għala r-rikorrenti talbet għall-għoti tal-*warrant. *Ir-rikorrenti forniet ir-raġunijiet li diġà ġew spjegati iktar 'il fuq. Illi kif spjega Martin Spiteri, il-Bord jagħti* warrants *temporanji għal għan speċifiku* ***u*** *fi żmien speċifiku. It-Tribunal ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni li qed jagħti l-Bord għaliex l-artikolu 3(3) tal-Kap. 281 ma jorbotx l-għoti tal-*warrant *biss ma' perijodu* ***u*** *għan. Fil-fehma tat-Tribunal, l-interpretazzjoni korretta tal-liġi hija li* warrant *temporanju jista' jingħata kemm għal perijodu limitat* ***jew*** *għal għan speċifiku jew it-tnejn. Kwindi ma hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jagħti l-*warrant *għal perijodu limitat kif talbet ir-rikorrenti. Dan ifisser illi applikant, ladarba jkollu l-kwalifiki rikjesti fil-liġi, m'għandux għalfejn iforni lill-Bord xi ġustifikazzjoni speċifika għala jkun qed jitlob il-warrant temporanju.*

*Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Bord kien fattwalment u legalment żbaljat meta talab lir-rikorrenti tiġġustifika t-talba tagħha għala talbet warrant temporanju. Filwaqt li t-Tribunal, kif ġia ingħad hawn fuq, huwa tal-fehma illi r-rikorrenti ma ġabet ebda prova illi hija persuna kkwalifikata biex taġixxi ta'* accountant *f'pajjiż terz, madanakollu jqis illi r-raġuni mogħtija għaċ-ċaħda tal-*warrant *temporanju hija waħda bla bażi fil-liġi u kwindi se jkun qiegħed jirrevoka l-istess deċiżjoni."*

## L-Appell

6. Fir-rikors tal-appell imressaq fis-26 ta' Lulju, 2023 mill-intimat Martin Spiteri fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju għan-nom u in rappreżentanza tal-Bord tal-*Accountancy,* huwa talab lil din il-Qorti jogħġobha tannulla s-sentenza tat-Tribunal tal-10 ta' Lulju, 2023 fl-ismijiet premessi, u jekk din it-talba ma tiġix milqugħa, tirrevoka s-sentenza tat-Tribunal tal-10 ta' Lulju, 2023, u tiċħad it-talba tar-rikorrenti appellata, u tilqa' l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-intimat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

7. L-appellant spjega illi l-appellata kienet applikat għall-*warrant* l-ewwel darba fl-20 ta' Diċembru, 2014, liema applikazzjoni ġiet rifjutata mill-Bord, għaliex il-kwalifika ċċitata mill-appellata ma kienitx meqjusa li tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-liġi. Il-pożizzjoni tal-Bord baqgħet invarjata għall-istess raġunijiet mogħtija lilha qabel, minkejja li l-appellata talbet rikonsiderazzjoni tal-pożizzjoni tal-Bord fit-12 ta' Jannar, 2017, wara li ppreżentat ċertifikat mill-Institute of Professional Accountants and Auditors of Russia. L-appellant qal li l-Bord ħa din il-pożizzjoni wara li qies li l-kwalifiki li għandha l-appellata mhumiex ekwivalenti għal grad professjonali fl-*accountancy* organizzat mill-Università ta' Malta jew livell ekwivalenti. L-appellant qal li minkejja li kienet debitament infurmata b'dan, l-appellata għażlet li ma tappellax minn din id-deċiżjoni. Minflok appellat, l-appellata ppreżentat applikazzjoni ġdida, fejn talbet lill-Bord jikkunsidra l-applikazzjoni tagħha taħt l-artikolu 3(3) tal-Kap. 281, li bażikament jipprovdi li tista' tinħareġ *warrant 'lil persuna li tkun kwalifikata kif imiss biex taġixxi bħala accountant f'xi pajjiż terz'* sabiex *'taġixxi bħala accountant f'Malta għal dak il-perijodu limitat jew għal dawk il-perijodi limitati jew għal dak l-għan speċifiku jew għal dawk l-għanijiet speċifiċi, jew kemm għal dak il-perijodu kif ukoll għal dak l-għan, u suġġett għal kull kundizzjoni oħra li tista' tiġi speċifikata fil-warrant'.* L-appellant qal li minkejja li l-Bord kien diġà qies li l-kwalifiki tal-appellata mhumiex ekwivalenti għal dawk Maltin, fl-14 t'Awwissu, 2020 il-Bord talab lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha, u tindika l-perijodu ta' żmien li għalih kienet qiegħda titlob l-imsemmi *warrant*. Qal li l-appellata wieġbet li hija għandha ħamsa u sittin (65) sena, u għalhekk qiegħda titlob li tingħata l-*warrant* għal perijodu ta' ħames snin, sakemm tagħlaq l-età ta' sebgħin (70) sena. L-appellant qal li wara li għamel l-evalwazzjoni tiegħu, l-Bord iddeċieda fl-4 ta'

Jannar, 2021, li l-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-appellata ma kienux suffiċjenti biex jinħarġilha l-*warrant* ta' *accountant.* L-appellant qal li fl-10 ta' Jannar, 2022, it-Tribunal ta sentenza li permezz tagħha rrevoka l-imsemmija deċiżjoni tal-Bord. Kompla jispjega li b'sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tad-19 ta' Ottubru, 2022, il-Qorti laqgħet l-appell tal-Bord appellant, u ordnat li l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex dan ikompli jinvestiga l-kwistjoni mressqa mill-appellanta.

8. L-appellant spjega li huwa ħassu aggravat bis-sentenza appellata. L-appellant qal li s-sentenza appellata hija irritwali u nulla għaliex it-Tribunal ta deċiżjoni li hija kontradittorja, billi għamel konsiderazzjonijiet totalment kontradittorji qabel wasal għall-parti dispożittiva tas-sentenza. Fost l-oħrajn l-appellant iċċita l-parti tas-sentenza tat-Tribunal li tgħid li qiegħed jikkondividi l-fehma tal-Bord li l-appellata għandha mankanzi fil-preparazzjoni akkademika tagħha, li ma jagħmilhiex eliġibbli għall-*warrant.* It-Tribunal qies ukoll li l-kwalifiki akkademiċi tal-appellata mhumiex tal-istess livell bħal dawk offruti mill-Università ta' Malta jew istituzzjonijiet li joffru kwalifiki ekwivalenti għalihom. It-Tribunal qies ukoll li l-appellata ma esibiet l-ebda *warrant* ta' *certified public accountant* mir-Russja, u għalhekk fin-nuqqas ta' prova li hija persuna kwalifikata bħala *accountant* f'pajjiż terz, iddeċieda li ma setax jipproċedi bl-għoti ta' *warrant* temporanju mitlub mill-appellata. L-appellant qal li imbagħad f'daqqa waħda t-Tribunal bidel għal kollox il-pożizzjoni li kien qiegħed jieħu, u bbaża d-deċiżjoni finali tiegħu fuq il-fatt li l-Bord kien fattwalment u legalment żbaljat meta talab lill-appellata tiġġustifika t-talbiet tagħha għall-għoti ta' *warrant* temporanju. L-appellant qal li anki l-aħħar parti tal-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal hija kontradittorja. L-appellant sostna li l-

motivazzjonijiet u konsiderazzjonijiet kunfliġġenti irendu s-sentenza appellata nulla.

9. L-appellant qal li l-konklużjoni finali milħuqa mit-Tribunal li jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord, li jilqa' l-appell tal-appellata, u jiċħad l-eċċezzjonijiet rimanenti ta' Martin Spiteri nomine, hija totalment kontradittorja ma' bosta mid-dikjarazzjonijiet li hemm fil-parti disposittiva tas-sentenza. L-appellant qal li wara li qal li l-appellata m'għandhiex il-kwalifiki neċessarji sabiex tingħata l-*warrant* ta' *accountant,* u qies li hija lanqas ma tista' tingħata *warrant* temporanju, it-Tribunal ma setax jikkonkludi li l-appellata kellha tingħata *warrant* temporanju. Qal ukoll li d-deċiżjoni tat-Tribunal fiha inkonsistenzi legali u konsiderazzjonijiet konfliġġenti għal xulxin anke fil-motivazzjoni tal-istess deċiżjoni, li fl-isfond tal-prinċipji enunċjati jirrendu d-deċiżjoni nulla u bla effett fil-liġi.

10. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li t-Tribunal iddeċieda l-każ tiegħu wara li qies li l-Bord iddeċieda li kellu jinforma ruħu aktar dwar ir-raġuni għala l-appellata talbet li tingħata *warrant* temporanju*,* u l-Bord kien fattwalment u legalment żbaljat meta talab lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha, jew meta qal li r-raġuni għaċ-ċaħda tal-*warrant* temporanju hija bla bażi fil-liġi. L-appellant qal li l-appellata kienet diġà applikat darbtejn oħra biex tingħata l-*warrant* ta' *accountant,* f'Diċembru 2014 u f'Jannar 2017, u fiż-żewġ okkażjonijiet l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata għaliex hija ma kienitx kwalifikata. Qal li l-appellata naqset milli tappella minn dawn id-deċiżjonijiet fiż-żewġ okkażjonijiet, u minflok ippreżentat applikazzjoni ġdida fejn talbet lill-Bord jikkunsidra l-applikazzjoni tagħha taħt l-artikolu 3(3) tal-Kap. 281 tal-Liġijiet ta'

Malta. L-appellant qal li minkejja li l-Bord kien diġà ddeċieda li l-kwalifiki tal-appellata ma kienux ekwivalenti għal dawk tal-Università ta' Malta jew l-ekwivalenti, fl-14 t'Awwissu, 2020 il-Bord talab lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha, u sabiex tindika d-durata tal-*warrant* temporanju mitlub minnha. Kompla jgħid li l-appellata wieġbet lill-Bord b'ittra tas-17 t'Awwissu, 2020, fejn stqarret li hija għandha l-età ta' 65 sena u li kellha bżonn il-*warrant* sabiex issib impjieg. Qalet ukoll li hija teħtieġ il-*warrant* għal perijodu ta' ħames snin, sakemm ikollha l-età ta' 70 sena. L-appellant qal li l-Bord informa lill-appellata li dawn ir-raġunijiet ma kinux meqjusa suffiċjenti biex hija tingħata l-*warrant* mitluba minnha. L-appellant qal li waqt is-seduta tat-Tribunal tas-16 ta' Frar, 2023, huwa spjega meta jintuża l-artikolu 3(3) tal-Kap. 281 u r-raġunament warajh, imma minkejja dan it-Tribunal iddeċieda li jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord wara li qies li l-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-appellata fl-ittra tagħha tas-17 t'Awwissu, 2020 ma kinux suffiċjenti biex hija tingħata l-*warrant.* L-appellant qal li l-appellata fehmet id-deċiżjoni tal-Bord, u hija tat ir-raġunijiet għat-talba tagħha lill-Bord. Qal li l-Bord sussegwentement sab li dawn ir-raġunijiet ma kienux suffiċjenti. Qal li d-deċiżjoni tal-Bord hija ġusta u legali, u għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti, sabiex jiġi evitat preċedent perikoluż fejn persuna li mhijiex adegwatament kwalifikata, tinfetħilha t-triq biex tingħata l-*warrant* ta' *accountant,* għaliex dan la jkun fl-interess tal-professjoni tal-*accountants* u lanqas fl-interess tal-pubbliku.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

11. L-appellata wieġbet li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma. Kompliet tgħid li mhuwiex minnu li hemm kontradizzjonijiet fis-

sentenza appellata, u qalet li meta wieħed jixtarr id-deċiżjoni bir-reqqa, isib li mhuwiex minnu li din fiha l-kontradizzjonijiet. Qalet li hija talbet lit-Tribunal iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-4 ta' Jannar, 2020, li permezz tagħha l-Bord kien irrifjuta l-applikazzjoni tagħha għall-ħruġ ta' *warrant* temporanju ta' *accountant.* L-appellata qalet li t-Tribunal kellu kull setgħa jagħmel dan *ai termini* tal-Kap. 281 u l-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Kap. 281 ma jpoġġi l-ebda limiti għal kemm-il darba applikant jista' japplika għal *warrant* temporanja ta' *accountant* taħt din il-liġi. Qalet li huwa inġust li l-appellant jitkellem dwar in-nullità u l-irritwalità tas-sentenza appellata, u dan meta t-Tribunal ikkonkluda li d-deċiżjoni finali tal-Bord kienet fattwalment u legalment żbaljata. Żiedet tgħid li s-sentenza tat-Tribunal hija bbażata fuq il-liġi amministrattiva, u għalhekk it-Tribunal ħa konsiderazzjoni tal-prinċipji tal-liġi amministrattiva, liema liġi hija bbażata fuq il-prinċipji ta' ġustizzja naturali li jridu jiġu mħarsa irrispettivament mill-fatti tal-każ.

12. L-appellata qalet li t-Tribunal qies li d-deċiżjoni tal-Bord ma rrispettatx il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, għaliex il-Bord naqas milli jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, senjatament meta infurmaha li *"[y]our request for the award for a temporary CPA warrant is considered by the Board as not being sufficiently justified".* Qalet li din id-deċiżjoni tal-Bord hija leglament u fattwalment żbaljata, u huwa għalhekk li m'għandux jiġi deċiż li s-sentenza tat-Tribunal hija kontradittorja.

13. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, l-appellata qalet li hija tilqa' l-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal, għaliex ir-raġunijiet għad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord iridu jkunu ċari, u tali li hija tista' tifhem id-deċiżjoni

tal-Bord. Qalet li l-appellant ma kienx korrett meta asserixxa li hija fehmet id-deċiżjoni tal-Bord, u qalet illi li kieku tabilħaqq fehmet ir-raġuni għad-deċiżjoni tal-Bord, hija ma kienitx tappella. Hawnhekk l-appellata staqsiet għal liema raġuni l-Bord appellant fl-14 t'Awwissu, 2020 talabha tiġġustifika t-talba tagħha, u sabiex tindika d-durata taż-żmien tal-*warrant* temporanju li hija talbet li tingħata, u qalet li hija kellha aktar domandi dwar għalfejn, fuq liema bażi u xi kriterji huma neċessarji. Qalet ukoll li mhuwiex ġust li l-Bord jikkonkludi l-appell tiegħu billi jgħid li f'każ li d-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi kkonfermata, ser ikun qiegħed jinħoloq preċedent perikoluż għall-persuni li mhumiex kwalifikati sabiex japplikaw għall-*warrant* ta' *accountant.* Qalet ukoll li l-fatt li l-liġi tipprovdi għall-possibilità li l-*warrant* jingħata lil ċittadini ta' pajjiż terz, huwa biżżejjed biex dan il-*warrant* jingħata, u jekk hemm xi biżgħa ta' xi preċedent li l-Bord ma jixtieqx, hemm bżonn bidla fil-liġi, u mhux li applikazzjoni għall-*warrant* tiġi miċħuda.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

14. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[Id-deċiżjoni tat-Tribunal hija kontradittorja]*

15. L-appellant jgħid li d-deċiżjoni tat-Tribunal fiha bosta kontradizzjonijiet, u filwaqt li fil-parti sostantiva tas-sentenza tingħata l-impressjoni li t-Tribunal ser

jieħu l-istess linja li ħa l-Bord bid-deċiżjoni tiegħu, finalment it-Tribunal iddeċieda kontra l-linja li adotta l-Bord. L-appellant qal li filwaqt li f'diversi partijiet tas-sentenza, it-Tribunal qies li l-kwalifiki tal-appellata mhumiex ekwivalenti għall-kwalifiki li jinħarġu mill-Università ta' Malta, jew istituzzjonijiet li joffru kwalifiki ekwivalenti għalihom, u filwaqt li t-Tribunal ikkunsidra li l-ġustifikazzjonijiet tal-appellata mhumiex suffiċjenti biex jinħarġilha l-*warrant* temporanju mitlub minnha, finalment it-Tribunal ikkonkluda li dan il-*warrant* għandu jingħatalha.

16. Il-Qorti hawnhekk trid tissenjala li t-Tribunal fis-sentenza appellata bl-ebda mod ma ordna lill-Bord appellant jagħti l-*warrant* temporanju mitlub mill-appellata. Jiġi osservat ukoll li fi kwalunkwe każ, it-Tribunal m'għandux il-kompetenza meħtieġa sabiex jagħti ordni bħal din, għaliex jekk jagħmel dan, ikun qiegħed jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord ma' tiegħu. It-Tribunal kien skjett fil-parti deċiżiva tas-sentenza tiegħu, u kif kkonstata f'partijiet oħrajn tas-sentenza appellata, qal li l-appellata ma ġabitx prova li hija persuna kkwalifikata biex taġixxi bħala *accountant* f'pajjiż terz, u filwaqt li kkunsidra wkoll li l-appellata m'għandhiex ir-rekwiżiti akkademiċi meħtieġa sabiex tingħata l-*warrant,* ikkonkluda li l-Bord kien fattwalment u legalment żbaljat meta talab lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha għall-għoti ta' *warrant* temporanju. Dak li mhuwiex jaqbel miegħu t-Tribunal huwa l-fatt li l-Bord talab lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha, meta l-Bord ma kellux is-setgħa li jagħmel dan skont il-liġi, u lanqas m'huwa legalment obbligat li jitlob spjegazzjoni bħal din. It-Tribunal qal li l-appellata ma kellhiex l-kwalifiki akkademiċi meħtieġa, u qies ukoll li l-appellata m'għandha l-ebda *warrant* sabiex taħdem bħala *accountant* f'xi pajjiż ieħor. Kuntrarjament għal dak li jidher li inferixxa l-Bord, it-Tribunal bl-

ebda mod ma qal li l-appellata għandha tingħata l-*warrant* mitlub minnha. Fil-fehma ta' din il-Qorti, u huwa hawnhekk fejn sejra tiddipartixxi mill-pożizzjoni meħuda mit-Tribunal, ladarba dan qies li r-rikorrenti m'għandhiex ir-rekwiżiti meħtieġa biex tingħata l-*warrant*, kif ukoll li l-Bord ma kellux is-setgħa jitlob lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha, it-Tribunal kellu jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord tal-4 ta' Jannar, 2020, u konsegwentement jiċħad it-talba tar-rikorrenti appellata, u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat appellant.

*It-Tieni Aggravju:* *[Raġuni għad-deċiżjoni tal-Bord]*

19. L-appellant qal ukoll li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal qies li l-Bord kien żbaljat meta talab lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha, u kkonkluda li r-raġuni għaċ-ċaħda mogħtija mill-Bord kienet żbaljata għaliex kienet mingħajr bażi fil-liġi. L-appellant qal li l-appellata kienet diġà ressqet żewġ applikazzjonijiet oħra identiċi bħal dik mertu ta' dawn il-proċeduri, u ż-żewġ talbiet kienu ġew miċħuda mill-Bord. L-appellata qatt ma appellat mid-deċiżjoni ta' rifjut, iżda ressqet applikazzjoni ġdida għall-konsiderazzjoni mill-ġdid tal-Bord.

20. Il-Qorti hija tal-fehma li irrispettivament mill-mod kif il-Bord mexxa l-proċeduri tiegħu, jibqa' il-fatt li t-Tribunal kien ċar fid-deċiżjoni tiegħu li l-appellata ma kienitx eliġibbli għall-għoti tal-*warrant* temporanju mitlub minnha. Il-fatt li l-Bord talab lill-appellata tiġġustifika t-talba tagħha wara li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata, ma kellux inissel fiha l-aspettattiva leġittima li t-talba tagħha kienet ser tintlaqa', u dan għaliex l-approvazzjoni jew ir-rifjut tat-talba tal-appellata kien marbut mal-eliġibbilità oġġettiva tagħha u mhux

mar-raġunijiet personali tagħha għalfejn talbet li tingħata il-*warrant.* Il-Qorti diġà rrilevat li t-Tribunal bl-ebda mod ma ddeċieda li l-appellata għandha tingħata l-*warrant* mitlub minnha. Madanakollu l-Qorti tqis li t-Tribunal ma kellux jirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord anki fejn dan ikkonkluda illi r-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova illi hija persuna kkwalifikata biex taġixxi ta' *accountant* f'pajjiż terz, imma semmai kellha tiġi revokata dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Bord fejn dan ibbaża r-rifjut tat-talba tal-appellata għall-warrant fuq in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni mill-appellata tat-talba tagħha.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tilqgħu, u tirrevoka s-sentenza appellata tat-Tribunal, u konsegwentement tiċħad it-talba tar-rikorrenti appellata, u tilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimat appellant.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, kull parti f'dawn il-proċeduri għandha tbati l-ispejjeż tagħha fiż-żewġ istanzi.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |